# IL-MADONNA TAL-FORTUNA

Ix-xbiha tal-Madonna maghrufa tal-Fortuna dehret mirakolozamentmill-bahar fil-lokalita' marittima ta' Darsena, qrib Milan. Sa minn l-eqdem zminijiet din ix-xbiha kienet marbuta man-navigazjoni fil-bahar. Izda dak il-prodigju serva biex ghamel wiehed akbar.



Il-Madonna tal-Fortuna llum hija meqjuma gewwa Genova, imma originarjament ma kienet xejn hlief pulena ta' vapur irlandiz. Il-pulena kellha l-iskop li tindika lill-persuni li ma kienux jafu jaqraw isem il-vapur li kien ser jospithom matul il-vjagg fuq il-bahar.

Ghall-bahrin il-pulena kellha tifsira importanti. Lilha kienu attribwiti qawwiet soprannaturali u sinjal profond mistiku. Il-bahhara kienu jahsbu li jekk jinkinaw quddiem il-pulena din tehlishom mill-kull gwaj fuq il-bahar.

Imma jekk il-pulena kienet iggarab xi hsara, allura ghall-bahrin dan kien ikun sinjal ta' disgrazzji ghal ekwipagg.  Meta l-istess bahrin fehmu dan ir-riskju, l-istabilita tal-vapur, bil-mod il-mod il-puleni bdew ikun inqas elaborati u mal-moghdija taz-zmien ghebu kompletament.

Fis-17 ta' Jannar kienet ghaddejja maltempata qawwija fuq il-bahar. Fuq wicc l-ilmijiet  wiehed seta jilmah biccjiet ta' l-injam u fdalijiet ta' vapur. Il-popolazzjoni fost dan it-tifrik lemhet ix-xbiha ta' Marija, izzomm Tifel f'idha.

Marija dehret izzomm id-dinja fuq subghajha filwaqt li bl-id l-ohra izzom il-kuruna tar-Ruzarju. L-istatwa kienet l-unika haga li baqghet intatta wara dik il-maltempata qalila taht l-ghajnejn mistghagba tac-cittadini. Il-vjolenza tal-mewg kienet tefghet din ix-xbiha lejn Darsena u zammitha intatta.

Kienet il-pulena ta' vapur irlandiz u kien mehtieg li x-xbiha tingieb malajr fuq l-art kemm jista' jkun malajr.

Ghal dan haseb bejjiegh ta' l-imbid minn Levanto. L-istatwa giet imtella mill-bahar fit-22 ta' Jannar. Tpoggiet ghal l-irkant u akkwistawha zewg bahrin li haduh u refghuha go mahzen fejn damet ghal hafna snin.

Fil-bini fejn kien hemm il-mahzen kienet toqghod tifla ta' seba' snin, li jum wiehed waqghet minn tieqa. Imma b'miraklu ma garrbet ebda griehi. Aktar tard it-tifla rrakontat li Sinjura sabieha liebsa ilbies blu, harget mill-mahzen, laqghtiha u nizzlitha bil-mod fl-art.

In-nies, meta semghu b'dan, gew quddiem ix-xbiha tal-



Madonna, li kienet kwazi ntnesiet u talbu quddiemha. L-istatwa ttiehedet lejn il-knisja ta' San Vittore u San Carlo. It-tiltu tal-Fortuna, inghata lill-Madonna minhabba li x-xbiha helsitha mill-qilla tal-bahar li kisser kollox barra lilha u anke minhabba li hafna grazzji rcevew min lilha talab.




It-tifkira tal-Madonna tal-Fortuna issir fil-knisja fit-22 ta' Jannar.

RIFLESSJONI:

L-ixxurtjati huma ahna l-bnedmin li ghandha lilMarija Sssma Omm Gesu' b'Omm taghna. Imberkin ahna jekk nersqu Lejha u nitolbuha tintercedi ghalina fil-htigijiet taghna spiritwali u anke materjali ghaliex Alla Lilha jisma' gia la darba ghazilha b'Omm Tieghu.

Insellmulha bit-talba ta' San Gorg Preca:

O Vergni Mbierka

O Bieb tas-sema,

O Omm tal-Hniena,

O Ghaxqa ta' Alla

Itlob ghalina:

Ghax ahna nafu li xejn ma

jichadlek Dak li gholliek

ghad-dinjita' ta' Omm Divina.

Ammen